TEATRU MALTA



# ĊEMPLU ĊEMPLU, ĊEMPLU.

**PROGRAMM REBBIEGĦA / SAJF 24**




*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# NOTA MILL - KAP EŻEKUTTIV



**Nota minn Dominic Galea / Kap Eżekuttiv / NAPA**

Ili nsegwi x-xogħol ta' Teatru Malta sa mill-bidu nett fl-2016 u dejjem kelli ammirazzjoni għall-istil partikolari tal-kontentut artistiku f'kull programm, grazzi għall-viżjoni tad-direttur artistiku u dinamiku Sean Buhagiar.

Mill-2023, Teatru Malta saret waħda mit-tliet entitajiet, flimkien ma' ŻfinMalta u KorMalta li qed joperaw taħt il-kappa tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (ANAP) u għalhekk inħossni onorat li qed naħdem ma' dan it-tim miżgħud bit-talent ta' Teatru Malta.

Il-programm ta' dan l-istaġun se jerġa' jkun varjat u jinkludi: il-festivals *Trikki Trakki*, u *Każin 60* li jsiru ta' kull sena; il-workshops għal *XENI*, *Klassi tas-Surmast* u *Studio Francis Ebejer*; u bi pjaċir se nkunu qegħdin inħabbru l-programm ġdid tal-grupp ta' Teatru Malta fejn l-artisti magħżula, minbarra x-xogħol ta' atturi, se jkollhom irwol ieħor relatat mat-teatru fi ħdan il-kumpanija.

Dan ix-xogħol kollu jkun possibbli grazzi għall-ħeġġa u l-passjoni tat-tim kollu ta' Teatru Malta.

# ĠAKKETTA TAL-ĠILDA



**Nota minn Sean Buhagiar / Direttur Artistiku**

Bħala d-Direttur Artistiku ta' Teatru Malta, ħerqan biex niżvelaw il-programm tar-rebbiegħa 2024, mingħajr ebda produzzjoni teatrali. Iva, qed taqra sew. Titħawwad hux? Dan il-programm huwa biss priżma ta' sejħiet. Issa se nispjega għaliex ninsab ħerqan xorta waħda.

Għax-xhur li ġejjin, il-programm ta' Teatru Malta, huwa nieqes minn produzzjonijiet teatrali imma din mhijiex xi pawża jew intervall. F'industrija li qed tfur b'rappreżentazzjonijiet żgħar u medji li ma jkollhomx spazji u udjenzi, għażilna li nagħmlu ħilitna biex niġbdu l-attenzjoni b'rappreżentazzjonijiet simili waqt li nużaw ir-riżorsi tagħna biex inġibu bidla li tibqa' valida fit-tul.

Kuntent inħabbar li rnexxielna niksbu żewġ għotjiet oħra ta' ko-produzzjoni mill-ETC (European Theatre Convention), li wassluna sa orizzonti ġodda waqt li għenuna naspiraw biex naqsmu l-istejjer u r-ruħ tat-teatru Malti ma' udjenza Ewropea. Il-produzzjonijiet tagħna, *GUTZ* u *The Best European Show*, huma lesti biex isiru blueprints għal Teatru Malta, hekk kif inkomplu nistabilixxu lilna nfusna bħala emissarji kulturali kull fejn ikun hemm bżonn.

Minn mindu bdejna, dejjem imxejna mar-ritmu tal-produzzjonijiet. U se nkomplu nagħmlu hekk fi żmien qasir, imma bħalissa qed inbiddlu l-ġilda tagħna.

Qed inħarsu lejn bidu ta' grupp ibridu - kollettiv innovattiv li jgħaqqad flimkien ir-rappreżentazzjonijiet mal-kreattività u t-tmexxija meħtieġa ta' wara l-kwinti. Iktar minn sempliċiment inizjattiva, għalina din hija wkoll ribelljoni kulturali, li toffri mudell sostenibbli għal artisti lokali involuti fil-Kumpanija Teatrali Nazzjonali, waqt li trawwem it-tkabbir ta' Teatru Malta bħala ekosistema kreattiva li ma tħalli barra lil ħadd.

Il-gruppi ta' ħidma tagħna bħal *XENI* u *Klassi tas-Surmast* ikomplu jkunu modi għal tagħlim u taħriġ, din is-sena ffukajna fuq il-famuż metodu Suzuki u d-disinn tal-kostumi. *Studio Francis Ebejer* instab li kellu futur robust, li jiggarantixxi l-bidu ta' xogħlijiet Maltin f'teatri mill-aqwa bħal m'huma t-Teatru Manoel u Spazju Kreattiv u produzzjoni annwali ta' Teatru Malta, li tkompli tkun ta' xhieda li hija inkubatur għal tliet reċti bil-Malti ġodda ta' kull sena, u anke radjudramm.

*Trikki Trakki* qed jiffjorixxi; qed inkomplu nikbru permezz ta' bootcamp fis-sajf u proġett għal alumni tagħna, li jilħaq il-qofol tiegħu fil-formazzjoni ta' Youth Theatre Company. Iktar dwar dan, fil-programm li jmiss.

*Każin 60+* qabad ritmu b'saħħtu taħt it-tmexxija ġdida u passjonali tiegħu, u f'kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant; dan il-proġett se jara sitt gruppi, wieħed kull reġjun, li jiċċelebra t-teatru fil-festival annwali, *Ġamborì*. Dawn il-festivals jikkonkretizzaw l-irwol tagħhom bħala sisien kulturali, li jħejju u jameljoraw udjenzi lokali u talenti waqt li jżommu l-impenn tagħhom għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' artisti Maltin.

Sabiex inkomplu nirfinaw id-direzzjoni u l-miri tagħna, l-amministrazzjoni tal-Kritika, il-provokazzoni tal-kultura issa qiegħda tagħmel parti mill-Kunsill tal-Arti, biex b'hekk kollox jallinja ruħu mal-progress li qed nagħmlu fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Performattiva. Il-konsultazzjonijiet li kellna mal-Kunsill tal-Arti (ACM) u l-Università ta' Malta (UOM) kienu qed iwittu pjan għal kalendarju teatrali li jkompli jeleva d-diskors kritiku u l-kultura tal-kritika.

Ninsab grat immens lejn it-tim determinat ta' Teatru Malta u ANAP, il-kollaboraturi tagħna, u intom, l-għeżież sħabna u udjenzi—il-fiduċja tagħkom fina tkompli twittilna t-triq. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-Ministeru u l-Kunsill tal-Arti, li l-appoġġ kontinwu tagħhom kien kruċjali matul dawn il-perjodi ta' żvilupp artistiku.

Bi ħġarna, nilqgħukom biex tissieħbu magħna hekk kif nesploraw dawn l-opportunitajiet rikki, magħmula biex iqanqlu d-djalogu, ir-riflessjoni u l-kollaborazzjoni. Ejja nimirħu f'dawn il-possibbiltajiet flimkien qabel ma nerġgħu nkomplu nipproduċu, bil-ġakketta tal-ġilda.




*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# OPPORTUNITAJIET



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# IL-GRUPP TA' TEATRU MALTA

**Pożizzjonijiet**
Minimu ta' erba' artisti / artisti multidixxiplinarji

**Sigħat fil-Ġimgħa**
40 siegħa

**Tul tal-Kuntratt**
12-il xahar, bl-għażla ta' estensjoni medja jew fit-tul

**Paga**
€25,000
per annum gross u VAT

**Bidu tal-Kuntratt**
Settembru 2024,
preċedut minn R&D (Research and Development) qasira, u perjodu ta' provi fis-sajf li jservi wkoll bħala perjodu ta' probazzjoni.

Fid-dinja vasta u vibranti tal-arti performattiva kontemporanja, Teatru Malta bi pjaċir kbir tħabbar l-ewwel truppa teatrali ibrida. Din l-inizjattiva tgħaqqad il-prestazzjoni, l-impenn komunitarju, u prattika kreattiva versatili f'ensemble dinamiku.

Qed insalpaw fuq vjaġġ li jgħaqqad it-tradizzjonijiet tal-palk mad-diversità fiċ-ċirku, li jintegra dixxiplini diversi fi rwol wieħed sabiex ikun jista' jipprovdi kuntratt ta' servizz għal artisti u kreattivi li flimkien mal-istrateġija tagħna, jiżviluppa f'xogħol stabbli fit-tul.

Ħerqana li nilqgħu talent eċċezzjonali bħala l-membri inawgurali ta' dan l-ensemble. Dawn l-artisti mhux se jesebixxu t-talenti teatrali tagħhom biss imma jistgħu wkoll jinvolvu ruħhom f'xi rwoli wara l-kwinti. Dan l-impenn joffri opportunitajiet uniċi għal tkabbir personali u professjonali fid-dinja tal-arti performattiva.

Waqt li nispiraw ruħna mill-ħiliet varji tal-artisti taċ-ċirku - li jieħdu ħsieb kollox, mill-prestazzjoni sax-xogħol loġistiku—l-inizjattiva l-ġdida tagħna tfittex artisti li huma versatili u addattabbli, li lesti jieħdu rwol ibridu fi ħdan Teatru Malta u jikkontribwixxu għal tim tassew ibridu.

Ensemble ibridu fix-xena kulturali u artistika tagħna jfisser iktar minn sempliċiment atturi li jirreċtaw; dan jinvolvi truppi dedikati fuq proġetti fit-tul, li jżuru postijiet varji bħal skejjel u komunitajiet, jinvolvu ruħhom f'riċerki u żviluppi artistiċi waqt li jgħinu fir-rutina ta' kuljum tal-kumpanija. Żviluppajna dan il-kunċett ma' wħud mill-kollegi fl-ETC, u anke membri tal-ensemble fi ħdan ko-produzzjonijiet internazzjonali, b'rispons tassew pożittiv. Dan jimxi b'mod parallel man-Next Theatre Generation Programme tal-ETC u r-realtajiet lokali, dawn it-tipi ta' rwoli qed jiġu wkoll implimentati f'pajjiżi oħra żgħar Ewropej.

**Termini u Kundizzjonijiet**
*Ix-xogħol huwa offrut fuq bażi ta' kuntratt ta' servizz. Hemm qbil li l-Fornitur tas-Servizz m'għandux jinvolvi ruħu f'xogħlijiet simili jew jaħdem għal organizzazzjoni simili oħra mingħajr ma jkun hemm qbil minn qabel ma' kull parti involuta matul it-terminu tas-servizz. Id-dettalji jkunu negozjabbli.*

# MISTOQSIJIET FREKWENTI (FAQs)

**Inkun nista' nagħmel xogħol relatat ieħor?**
Possibilment. Sakemm ix-xogħol ma jkunx f'kunflitt dirett mal-impenji tal-Kumpanija Teatrali Nazzjonali. Perjodi ta' żmien u modus operandi jiġu stabbiliti bejn iż-żewġ partijiet biex ix-xogħol ikun jista' jitqassam sew skont l-iskeda tal-ensemble.

**X'tip ta' xogħol ieħor apparti prestazzjonijiet qed infittxu?**
Aħna ngħożżu d-diversità li joffri s-settur u qed infittxu diversi ħiliet, li jinkludu imma mhux limitati għal xogħol kreattiv bħal kitba ta' skript, kitba tal-kontenut, ħolqien ta' kontenut għall-mezzi soċjali, fotografija, vidjografija, traduzzjoni, dramaturġija, direzzjoni, kompożizzjoni u daqq ta' instrumenti. Imma anke xogħol mhux kreattiv, bħal m'huma qari tal-provi, żvilupp ta' siti elettroniċi, ipprogrammar, żvilupp tas-software, immaniġġjar ta' proġetti, immaniġġjar tal-istejġ u reklamar.

Qed nagħmlu użu wkoll minn ħiliet professjonali anċillari li tistgħu toffru, kemm jekk int tabib, avukat u anke bidwi!

**Kemm-il siegħa se nqatta' fuq il-prestazzjonijiet u kemm-il siegħa se nqatta' fuq xogħol ieħor?**
It-tqassim tal-ħin bejn il-prestazzjonijiet u x-xogħol l-ieħor se jkunu diskuss mad-direttur artistiku u jista' jvarja skont il-ħtiġijiet tal-programm. L-irwol ewlieni tiegħek se jkun artistiku.

# PROFIL TAL-KANDIDAT IDEALI

Il-kandidat ideali għall-ensemble teatrali ibridu huwa xi ħadd li:

- Għandu sfond b'saħħtu fi produzzjonijiet tat-teatru b'ħiliet dimostrabbli.
- Għandu ħiliet oħra apparti r-reċtar, bħal m'huma l-kitba, kreazzjoni ta' kontenut diġitali, jew kompetenza teknika fid-dawl u s-sound.
- Huwa addattabbli u għatxan li jieħu rwoli differenti fl-organizzazzjoni, minn prestazzjoni għal tmexxija ta' proġetti.
- Jistinka f'ambjent kollaborattiv u huwa komdu bin-natura dinamika ta' rwol ibridu.
- Huwa impenjat li jikkontribwixxi b'mod kreattiv u anke amministrattiv għall-ġid u għas-suċċess ta' Teatru Malta.
- Jista' jikteb, jikkomunika u jtella' rappreżentazzjoni bil-Malti u l-Ingliż.

# KIF TAPPLIKA?

Nistednuk biex turina t-talenti uniċi tiegħek u l-isfond professjonali. Jekk jogħġbok issottometti dan li ġej fuq **contact@teatrumalta.org,mt**:

**Portafoll Artistiku**
Semmi kull xogħol relevanti li jesebixxi l-ħiliet tiegħek u l-kisbiet tiegħek fid-dinja tal-arti.

**CV/Résumé**
Ikteb fid-dettall l-esperjenza professjonali tiegħek u l-isfond edukattiv tiegħek.

**Ittra ta' Motivazzjoni**
Spjega għaliex int il-kandidat ideali għal dan l-irwol ibridu u kif timmaġinak tikkontribwixxi għal Teatru Malta.

**Filmat Motivazzjonali**
Filmat qasir li juri l-passjoni lejn it-teatru u lejn din l-opportunità.

Jekk trid, tista' żżid materjal addizzjonali biex turi iktar it-talenti u l-ħiliet tiegħek jekk temmen li dawn jgħinuk biex tikseb dan l-irwol. Ninkuraġġuk li tkun kreattiv fil-mod kif tippreżenta l-kwalifiki tiegħek u l-perspettiva artistika tiegħek.

# DATA TAL-GĦELUQ TAL-APPLIKAZZJONI U L-PROĊESS TA' WARA

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija fl-**17 ta' Ġunju 2024** f'nofsinhar.

La darba nirċievu l-applikazzjoni, nibdew noħolqu lista bil-kandidati b'potenzjal. Jekk tagħmilha ma' din il-lista, navżawk u nagħtuk id-dettalji u l-kriterji kollha għall-intervista u l-awdizzjoni.

# IMPENN LEJN ID-DIVERSITÀ U L-INKLUŻJONI

Teatru Malta hija impenjata li trawwem ambjent inklużiv. Aħna nilqgħu u nħeġġu artisti ta' kull abbiltà, razza, etniċità, reliġjon u identità tal-ġeneru biex japplikaw. Aħna nistinkaw biex noħolqu komunità diversa li tirrifletti r-rikkezza tal-udjenza tagħna u s-soċjetà fil-firxa wiesgħa tagħha, filwaqt li nżommu l-eċċellenza u l-innovazzjoni bħala l-ethos ewlieni tagħna.

Ibqa' aġġornat b'iktar dettalji dwar din l-opportunità, u jekk int interessat, aħsibha biex tidħol fil-lista tal-email tagħna biex tirċievi iktar aġġornamenti dwar dan u inizjattivi oħra. Għal iktar informazzjoni ibgħatilna email jew ingħaqad fil-lista tal-emails tagħna biex tibqa' aġġornat mal-avventuri kollha ta' Teatru Malta.



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# XENI

**Dati tal-Workshop**
Mit-Tnejn 3 ta' Ġunju
sal-Ġimgħa 7 ta' Ġunju

**Ħin**
10am - 5pm

**Tema**
Disinn tal-Kostumi

**Post**
Il-Vestwarju ta' Teatru Malta,
fl-MCAST ta' Raħal Ġdid

**Ħlas**
€50

*XENI* hija l-masterclass tagħna mtellgħa minn professjonisti tal-palk, għat-talent żagħżugħ u ġdid li huma interessati jaħdmu minn wara l-kwinti. Din is-sena, *XENI* se jkun qed jiffoka fuq id-disinn tal-kostumi mad-disinjatriċi tal-kostumi Irlandiża Joan O'Clery.

Dan il-workshop, li se jkun mifrux fuq ġimgħa, se jkopri l-proċess għad-disinn tal-kostumi, primarjament jiffoka fuq il-kostumi fuq il-palk. Permezz ta' eżempji mill-vestwarju vast ta' Teatru Malta u mix-xogħlijiet ta' Joan, dawk li se jattendu se jitgħallmu dak kollu li għandu x'jaqsam mad-disinn ta' kostumi mill-aqwa, mill-iscript u għall-kunċett sad-disinn finali. Il-parteċipanti se jkunu qed jindagaw fl-aspetti kollha tal-proċess tad-disinn u l-komunikazzjoni tal-ideat, kif ukoll, jinvestigaw elementi relatati mal-produzzjoni bħalma huwa l-ewwel ideat tad-disinn sa meta jsir it-tiġrib.



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

*Xeni / 2023*

## MIN HI JOAN O'CLERY?

Joan O'Clery hija disinjatriċi tal-kostumi li taħdem kostumi kemm għall-palk u anke għall-iskrin. B'esperjenza vasta ta' tletin sena f'din l-industrija, hija ddisinjat kostumi għal dramas klassiċi, opera, żfin, teatru interattiv, premieres ta' kitbiet ġodda, serje tat-TV, kummiedji fuq it-TV u anke fuq feature films.

Joan O'Clery hija bbażata f'Dublin, l-Irlanda, id-disinji tagħha daru mad-dinja kollha fi produzzjonijiet fl-Ewropa, Broadway, l-Awstralja u r-Renju Unit, li jinkludu WestEnd, The Globe u l-RSC, u ovvjament f'ħafna postijiet oħra ġol-Irlanda. Il-karriera ta' Joan tmur lura ħafna fit-teatru nazzjonali tal-Irlanda, The Abbey, fejn kienet ukoll il-Kap tad-Dipartiment tal-Kostumi mill-2002 sal-2007.

Xogħlijiet magħrufa tagħha jinkludu premieres ta' produzzjonijiet dinji ċċelebrati minn kittieba Irlandiżi Brian Friel, Seamus Heaney, Enda Walsh u Tom Murphy, u ħadmet regolarment ma' diretturi distinti bħal Louise Lowe, Conall Morrison u Mark O'Rowe. Rebħet l-unur ta' The Irish Times Theatre Award Best Costume Design tliet darbiet.

Joan tiddisinja wkoll kostumi għall-iskrin, fosthom fl-ewwel staġun tas-serje televiżiva *Kin*, u fil-films rinomati *Rose Play Julie*, *The Delinquent Season* u *Dating Amber Fost* l-oħrajn. Ix-xogħol tagħha se jidher ukoll fil-feature film li ħiereġ dalwaqt *The Wolf, The Fox and The Leopard*.

## MIN HU ELIĠIBBLI BIEX JAPPLIKA?

Qed infittxu applikanti li:

- Huma entużjasti, juru impenn, dħulin u jafu jaħdmu f'tim;
- Jifhmu sew l-Ingliż, hekk kif il-masterclass se tkun immexxija bl-Ingliż;
- Għandhom minn 18-il sena 'l fuq;
- Għandhom mezz tat-trasport; u
- Huma disponibbli waqt il-ħin kollu ta' din il-masterclass.

**Termini u Kundizzjonijiet**

*Dawk li jattendu għandu jkollhom interess qawwi f'dan l-aspett tat-teatru, iżda m'hemmx għalfejn tkun id-dixxiplina ewlenija tagħhom. Idealment, dawk li se jattendu għandu jkollhom għarfien tal-proċess b'mod ġenerali ta' produzzjonijiet teatrali, imma l-importanti li jkun hemm interess u entużjażmu. Se ssir laqgħa preparatorja online ma' min se jmexxi l-workshop u l-parteċipanti kollha. Din il-ġimgħa se tqajjem iktar għarfien fuq id-disinn tal-kostumi bħala element fil-ħolqien ta' produzzjoni teatrali, u se tkun ta' benefiċċju għal dawk interessati jew involuti diġà fid-dipartimenti kreattivi tat-teatru, kif ukoll dawk li jixtiequ jiffokaw biss fuq il-kostumi. Dawk li se jattendu m'hemmx għalfejn ikunu jafu jħitu - żommu f'moħħkom li dan mhux workshop fejn se jsiru l-kostumi. U lanqas m'hemm bżonn xi ħila fit-tpinġija, però din tgħin. Għandhom ikunu jafu l-Ingliż sew għax il-masterclass se titmexxa bl-Ingliż; u għandhom 16-il sena jew iktar għandhom jaċċettaw li se jittieħdu u jintużaw ritratti u filmati waqt il-workshops biex jiddokumentaw u jippromwovu dan il-programm.*

# KIF TAPPLIKA?

Min hu interessat huwa mitlub jissottometti dan li ġej bl-Ingliż:

**Portafoll Artistiku**
Semmi kull xogħol relevanti li jesebixxi l-ħiliet tiegħek u l-kisbiet tiegħek fid-dinja tal-arti.

**Ittra ta' Motivazzjoni**
Ittra ta' motivazzjoni ta' 300 kelma fuq għaliex huwa importanti għalik li tissieħeb f'din il-masterclass u x'se ġġib miegħek fid-dinamika tal-grupp. L-applikanti jistgħu jagħżlu li minflok jibagħtu ittra jistgħu jibagħtu filmat qasir.

Dan kollu għandu jintbagħat fuq **xeniworkshop@gmail.com** sa mhux aktar tard mill-**24 ta' Mejju** 2024, f'nofsinhar.

Jekk jogħġbok, ikkuntattjana jekk għandek xi ħtiġijiet għall-aċċess.

# ĦLASIJIET

L-applikanti magħżula se jkunu mitluba jħallsu €50 miżata biex ikunu jistgħu jissieħbu f'dan il-workshop.

Jekk wieħed ma jkunx jista' jħallas din il-miżata f'dan iż-żmien, Teatru Malta jista' joffri li din il-miżata

tiġi mifdija bħala depożitu fuq xi servizz fil-ġejjieni bħala parti mill-iskema Teatru Deposit. Dan ifisser li l-ħlas tal-miżata ta' €50 titnaqqas mill-ammont totali ta' servizz ieħor fil-futur, u ma jkollux għalfejn jitħallas issa.

Dan l-arranġament jista' jseħħ fi żmien tliet snin minn meta jintemm il-workshop, suġġett għat-termini ta' qbil separat ieħor. Jekk int interessat fl-għażla ta' Teatru Deposit, jekk jogħġbok inkludi spjegazzjoni fl-ittra ta' motivazzjoni tiegħek.



*Ritratti ta'* Elisa Von Brockdorff

*Xeni / 2023*




*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# KLASSI TAS-SURMAST: THE SUZUKI METHOD

**Dati**
Mit-Tnejn 15 sal-Ġimgħa 19 ta' Lulju 2024

**Skeda**
Warm up: 13:30 - 14:00
L-Ewwel Parti: 14:00 - 16:30
Pawża: 16:30 - 17:30
Warm Up: 17:30 - 18:00
It-Tieni Parti: 18:00 - 20:30

**Post**
Theatre Next Door
Triq Il-Kapella Ta Santa Marija,
Naxxar, Malta

**Lingwa**
Is-sessjoni se tkun bl-Ingliż

F'Lulju li ġej, il-kumpanija Teatru Malta se tkun qed tintroduċi workshop ġdid għal Malta 'Suzuki Method of Actor Training'. Addattat għal dawk kollha li jaħdmu fit-teatru, minn atturi għal diretturi, dan il-workshop se jkun qed jagħti l-opportunità lil dawk li jieħdu sehem fih li jitgħallmu l-metodu Suzuki.

L-għan ewlieni ta' dan il-metodu huwa li jdur dawra mat-totalità tal-ġisem uman fil-kuntest teatrali u jiskopri l-abbiltajiet espressivi intrinsiċi tal-attur. Din hija dixxiplina fiżika rigoruża, li ssawret minn diversi influwenzi varji fosthom il-ballet, it-teatru tradizzjonali Ġappuniż u Grieg u l-arti marzjali, bil-għan li ssaħħaħ l-attur kemm b'mod emozzjonali u anke b'dak fiżiku.

Is-'Suzuki Method of Actor Training' ġie maħluq minn Tadashi Suzuki u l-workshop se jkun immexxi minn Mattia Sebastian Giorgetti, li huwa msieħeb ta' SCOT.




*Klassi tas-Surmast / 2023*

# DWAR TADASHI SUZUKI

Tadashi Suzuki huwa l-fundatur u d-direttur ta' Suzuki Company of Toga (SCOT) ibbażata fil-villaġġ Toga, qalb il-muntanji ta' Toyama fil-Ġappun. Suzuki huwa l-organizzatur tal-ewwel festival teatrali internazzjonali Ġappuniż (Toga Festival) u l-kreatur tas-Suzuki Method of Actor Training.

# IL-MEXXEJ TAL-WORKSHOP

**Mattia Sebastian Giorgetti**
Mattia huwa direttur u attur, fi sħab ma' SCOT (Suzuki Company of Toga), u direttur edukazzjonali ta' Centro Teatro Attivo f'Milan.

L-għanijiet u l-kontenut tal-workshop ta' dis-sena jinkludu:

- Il-qawwa espressiva, l-użu tal-leħen u l-konċentrazzjoni
- Is-sensittività interna
- L-enerġija primittiva
- Il-leħen tal-ġisem u s-silenzju

# SUZUKI METHOD OF ACTOR TRAINING

Teknika u Teorija tar-Reċtar Fundamentali

**i. Sabiex wieħed jirreċta, irid ikollu l-perspettiva tiegħu.**
"Ir-reċtar" huwa att formali jew esperiment li jipprova jwassal xi tip ta' perspettiva, li tinsilet minn eżaminazzjoni tal-attitudni umana jew mir-relazzjonijiet tal-bniedem. Jista' wkoll jidher bħala xi tip ta' logħba li timmotivana intrinsikament – viżwalment permezz tal-ġisem fiżiku u mis-smigħ permezz tal-kliem li jingħad. Ir-reċtar huwa forma ta' arti, li b'mod kreattiv jistudja kif jeżistu l-umani ġo sistemi u gruppi li jkunu fihom fil-ħajja soċjali.

**ii. Sabiex wieħed jirreċta, irid ikun hemm udjenza.**
Sabiex wieħed jikkomunika l-lingwa miktuba u sabiex tinftiehem il-lingwa tal-ġisem jeħtieġ li jkun hemm persuna oħra tosservah. Għalkemm l-atturi ma jkunux jistgħu jaraw lilhom infushom jew lill- oħrajn li jkunu bilqiegħda quddiemhom, xorta jistgħu jkunu konxji tal-preżenza li jkollhom quddiemhom – kemm jekk bniedem, annimal jew alla – li jkun qed isegwi l-movimenti u jisma' l-kliem li jkun qed jingħad. La darba l-attur jirrealizza b'din il-preżenza madwaru, mill-ewwel tinbet ix-xewqa li jikkomunika l-perspettiva tiegħu lil ta' madwaru, u l-preżenza tiġi stimulata bil-kitba li tieħu l-ħajja permezz tal-fiżiku u l-użu tal-leħen.

**iii. Sabiex jgħin ir-reċtar, hemm ħtieġa ta' kuxjenza dwar il-ġisem inviżibbli.**
Sabiex wild isir indipendenti, irid jitgħallem biex konxjament jikkontrolla l-funzjonijiet fiżiċi meħtieġa biex jikseb dak li jkollu bżonn matul il-ġurnata, l-iktar importanti huma (1) il-produzzjoni tal-enerġija, (2) il-kalibrazzjoni tan-nifs u (3) il-kontroll taċ-ċentru tal-gravità. Minħabba li dawn il-fenomeni – l-enerġija, l-ossiġnu u ċ-ċentru tal-gravità – ma jidhrux quddiem għajnejna, ma tantx nagħtuhom attenzjoni fil-ħajja ta' kuljum. Permezz tal-iżvilupp iddixxiplinat u integrat ta' dawn it-tliet parametri, il-ġisem jikseb saħħa u aġilità, il-vuċi tikseb firxa u kapaċità u tikber il-kuxjenza fuq l-"ieħor". Bis- saħħa ta' xogħol bħal dan tiġi espressa l-qawwa li għandu bżonn l-attur biex jittrasmetti l-perspettiva tiegħu. B'hekk wieħed jasal biex jirrealizza li l-elementi ewlenin meħtieġa għall-arti tar-reċtar qegħdin f'dawn id-dixxiplini maħluqa biex joħolqu kuxjenza dwar it-tliet fenomeni kruċjali, interrelatati u "inviżibbli".

# KIF TAPPLIKA?

Qed infittxu nies mix-xena tat-teatru, atturi u diretturi, biex jingħaqdu magħna għal din il-masterclass eċitanti. 20 parteċipant biss jistgħu jieħdu sehem f'din il-masterclass.

Parteċipanti interessati huma mitluba li jissottomettu dan li ġej bl-Ingliż:

**Portafoll Artistiku**
Semmi kull xogħol relevanti li jesebixxi l-ħiliet tiegħek u l-kisbiet tiegħek fid-dinja tal-arti.

**Ittra ta' Motivazzjoni**
Ittra ta' motivazzjoni ta' madwar 300 kelma fuq: Għaliex huwa importanti għalik li tingħaqad f'din il-masterclass?

Dawn għandhom jintbagħtu fuq **contact@teatrumanoel.org.mt** sa mhux aktar tard mit-**23 ta' Mejju** 2024, f'nofsinhar.

Jekk jogħġbok infurmana jekk għandek xi ħtiġijiet għall-aċċess.

# ĦLASIJIET

Dawk magħżula se jiġu mitluba jħallsu €75 miżata biex jissieħbu f'din il-masterclass.

Jekk wieħed ma jkunx jista' jħallas din il-miżata f'dan iż-żmien, Teatru Malta jista' joffri li din il-miżata tiġi mifdija bħala depożitu fuq xi servizz fil-ġejjieni bħala parti mill-iskema Teatru Deposit. Dan ifisser li l-ħlas tal-miżata ta' €75 titnaqqas mill-ammont totali ta' servizz ieħor fil-futur, u ma jkollux għalfejn jitħallas issa.

Dan l-arranġament jista' jseħħ fi żmien tliet snin minn meta jintemm il-workshop, suġġett għat- termini ta' qbil separat ieħor. Jekk int interessat fl-għażla ta' Teatru Deposit, jekk jogħġbok inkludi spjegazzjoni fl-ittra ta' motivazzjoni tiegħek.

**Termini u Kundizzjonijiet**
*Xi xorb u tnaqqir se jkun ipprovdut fuq il-post; Int mitlub li ġġib l-ikel tiegħek u ħafna ilma. Fl-iskeda qed jiġi kkunsidrat li jkun hemm ħin għal 30 minuta ta' warm-up personali qabel ma tibda kull sessjoni. Il-puntwalità hija importanti ħafna, min jasal tard ma jitħalliex jidħol fis-sessjoni. Wieħed jista' jsib parkeġġ fit-toroq tal-madwar; L-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi se jgħaddu minn proċess ta' għażla sabiex jintgħażlu dawk li se jkunu parti minn din il-masterclass; L-impenn totali lejn il-masterclass kollha huwa ta' importanza assoluta. Fil-workshops se jkun hemm ħinijiet għal diskussjonijiet, tfassil, provi u qsim ta' rispons matul il-masterclass. Il-parteċipanti individwali jistgħu jiġu assenjati xi biċċa xogħol biex iwettquha fid-diskrezzjoni tagħhom stess, matul il-ħinijiet barra mill-ħinijiet tal-masterclass; L-applikanti għandhom ikunu entużjasti, dħulin, li juru impenn u jħobbu jaħdmu f'tim; Għandu jkollhom Ingliż tajjeb hekk kif il-masterclass se tkun immexxija bl-Ingliż; u Għandhom iktar minn 16-il sena u għandhom mezz tat-trasport tagħhom; Għandhom jagħtu kunsens għat-teħid u l-użu ta' ritratti u filmati li se jkunu qed jinġibdu biex jiddokumentaw u jippromwovu dan il-programm.*



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# STUDIO FRANCIS EBEJER

Teatru Malta, Teatru Manoel u Spazju Kreattiv f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Arti ngħaqdu biex jiżvelaw l-edizzjoni ta' din is-sena tal-inizjattiva Studio Francis Ebejer, li jestendu stedina għal dawk il-kittieba biex jissottomettu u jiżviluppaw teatri u radjudrammi, primarjament bil-lingwa Maltija.

Studio Francis Ebejer jippreżenta minjiera ta' opportunitajiet għal kittieba ta' skripts ġodda u ta' esperjenza, sabiex iwittu t-triq għall-kitbiet tagħhom biex jieħdu l-ħajja fuq il-palk. Dan il-programm, li ġie mnebbaħ mill-Premju Francis Ebejer u l-Atelier Francis Ebejer, huwa mfassal biex jipprovdi tagħmir b'riżorsi essenzjali għal riċerka u żviluppi. L-għan tagħna huwa li jikkultiva skripts ta' kalibru għoli li jkunu tajbin kemm għall-palk u anke għar-radju, li jilħqu l-qofol tagħhom fil-produzzjoni mit-trio tal-istituzzjonijiet nazzjonali kulturali. Is-sena l-oħra, it-Teatru Malta u t-Teatru Manoel kienu fit-tmun tal-programm Studio Francis Ebejer.

Din l-edizzjoni qed tikber b'ambizzjoni flimkien ma' Spazju Kreattiv li se jingħaqdu bħala ko-produtturi, u bl-appoġġ tal-Kunsill tal-Arti, aħna lesti għall-futur b'saħħtu fejn jidħol ix-xogħol bil-Malti.

## X'QED INFITTXU

Qed infittxu xogħlijiet, primarjament bil-Malti:

**Radjudramm Wieħed**
**Tliet Skripts għat-Teatru**

# KATEGORIJA A: SKRIPTS GĦAR-RADJU

Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom reċta waħda ta’ 20 minuta, jew serje maqsuma f’episodji ta’ 20 minuta ’l wieħed. Il-kittieba huma mistiedna jissottomettu kitba ddettaljata u mill-inqas xena waħda. Dawk li għandhom skript komplut huma mħeġġa jissottomettuh kollu kemm hu.

L-iskript tar-radju magħżul se jitpoġġa fuq Spotify (u/jew pjattaformi simili) fi ħdan album esklussiv iddedikat lir-radjudrammi, ippreżentat mill-ko-produtturi. Apparti minn hekk, dan ir-radjudramm jaf ikun imtella’ wkoll fuq stazzjon tar-radju.

Il-kittieba magħżula se jkunu involuti f’kollaborazzjoni ma’ Teatru Malta, Teatru Manoel u Spazju Kreattiv, li flimkien jaħdmu għal żvilupp, R&D, u skedi ta’ produzzjonijiet li jonoraw dan il-proċess kreattiv. Kull R&D u l-ispejjeż tal-produzzjonijiet se jkunu kopruti mill-produtturi.

It-tim kreattiv se jkun maħluq mid-Diretturi Artistiċi li huma responsabbli mill-organizzazzjoni tal-produzzjonijiet, u se jkunu responsabbli mill-produzzjoni tar-radjudramm. L-irwol tal-kittieb se jibqa’ biss li jikteb il-produzzjoni, waqt li dawk magħżula mid-direttur u t-tim kreattiv se jaħdmu mal-ko-produtturi.

Il-kittieb magħżul se jirċievi ħlas ta’ €1,500
(VAT eskluż) għal:

- Skript komplut, jew wieħed sħiħ jew episodiku.
- Sa 3 abbozzi preċedenti mill-abbozz tal-aħħar prova. (Il-ħtieġa, il-perjodu u l-proċess tal-abbozz jiġu maqbula fuqu mal-ko-produtturi)
- Disponibbiltà konsultattiva kontinwa matul il-produzzjoni

Il-kittieb se jżomm id-drittijiet kreattivi tal-iskript, bi drittijiet esklussivi tal-liċenzjar tal-produzzjoni jingħataw lill-produtturi, u r-royalties tal-kittieb skont ir-riżultati tal-pjattaforma ta’ streaming/xandir. Il-ko-produtturi jżommu l-kitba għall-ewwel pubblikazzjoni tal-iskript.

Ir-radju lest għalik.

# KATEGORIJA B: SKRIPTS GĦAT-TEATRU

Il-kittieba huma mistiedna jissottomettu informazzjoni ddettaljata u xena waħda mill-inqas. Dawk li għandhom skript lest, huma mħeġġa li jissottomettuh kollu kemm hu. Se jintgħażlu tliet skripts għall-produzzjoni — wieħed għal kull entità li qed tikkollabora f’dan il-proġett. L-għażla ta’ kif se jitqassmu dawn l-iskripts se ssir bejn id-diretturi artistiċi. Il-kittieba huma liberi li juru interess f’xi post jew ieħor ta’ fejn jimmaġinaw li jittella’ x-xogħol tagħhom.

Il-ħin iddedikat biex jiġi żviluppat l-iskript u l-R&D tal-produzzjoni se jkunu maħduma f’kollaborazzjoni mad-Direttur Artistiku li jkun qiegħed fuq dak il-proġett. L-ispejjeż tal-R&D se jkunu koperti kollha mill-ko-produtturi.

It-tim kreattiv, li se jkun magħqud mid-Direttur Artistiku tal-produzzjoni, se jkun responsabbli minn din il-produzzjoni. Fil-każ ta’ Teatru Malta, il-post se jkun magħżul mid-Direttur Artistiku u t-tim kreattiv. L-irwol tal-kittieb se jibqa’ biss li jikteb il-produzzjoni, waqt li dawk magħżula mid-direttur u t-tim kreattiv se jaħdmu mal-produtturi.

Il-kittieba magħżula se jirċievu ħlas ta’ €3,500
(VAT eskluż) għal:

- Sa 3 abbozzi preċedenti mill-abbozz tal-aħħar prova. (Il-ħtieġa, il-perjodu u l-proċess tal-abbozz jiġu maqbula fuqu mal-produttur.
- Skript mirqum u ffinalizzat.
- Disponibbiltà konsultattiva kontinwa matul il-produzzjoni.

Il-kittieb tal-iskript se jżomm id-drittijiet kreattivi tal-iskript, bi drittijiet esklussivi tal-liċenzjar tal-produzzjoni jingħataw lill-produtturi u jibqgħu validi sa sena wara l-premiere. Il-ko-produtturi jżommu l-kitba għall-ewwel pubblikazzjoni tal-iskript.

Il-palk qed isejjaħlek.

## KIF SE JKUN IMQASSAM IŻ-ŻMIEN

**30 ta' Ġunju 2024**
Jagħlqu s-sottomissjonijiet

**Lulju sa Settembru 2024**
Isiru d-deliberazzjonijiet

**Settembru 2024**
Jtħabbru x-xogħlijiet magħżula

**Minn Settembru 2024 sa Ottubru 2025**
Jiġi żviluppat l-iskript, jiġu ffurmati t-timijiet kreattivi R&D u l-proċess tal-provi tal-produzzjonijiet.
(Fil-każ ta' Spazju Kreattiv u Teatru Malta, dan il-perjodu jaf jiġi estiż skont id-dati tal-programm kif imsemmija hawn taħt.)

**Minn Ottubru 2025 sa Lulju 2026**
Id-debutt tal-produzzjonijiet. L-ewwel produzzjoni hija mhejjija għal Ottubru 2025 fit-Teatru Manoel. Warajha mbagħad ikun hemm rappreżentazzjonijiet fi Spazju Kreattiv f'Marzu/April 2026 u Teatru Malta se jtellgħu l-produzzjoni tagħhom f'Ġunju/Lulju 2026.

## TERMINI TAL-APPLIKAZZJONI

- Tista' titfa' iktar minn sottomissjoni waħda.
- L-iskripts se jiġu evalwati minn panel tat-tliet Diretturi Artistiċi u konsulent appuntat mill-Kunsill tal-Arti.
- Id-Diretturi Artistiċi għandhom id-dritt li jbiddlu fehmithom dwar l-għażla tas-sottomissjonijiet li jkunu għamlu, jekk dawn ma jkunux jilħqu l-livell ta' kwalità mistenni.

Lest biex issalpa fuq dan il-vjaġġ artistiku? Issottometti l-proposta tal-iskript tiegħek flimkien ma' CV billi tibgħat email fuq **studiofrancisebejer@gmail.com** sa mhux aktar tard mit-**30 ta' Ġunju** 2024 f'nofsinhar.



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

*Studio Francis Ebejer / 2023*



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# PROĠETTI KONTINWI




*Ritratti ta'* **Stefan Stafrace**

# Każin Sittin+

*Każin 60 +/Ġamborì* huma impenn teatrali li Teatru Malta qed joħloq fi ħdan il-komunità. Il-proġett jindirizza b'mod attiv lill-anzjani. Minn Mejju sa Novembru, sitt klabbs esperjenzati se jiltaqgħu mad-diretturi kompetenti tagħhom. Matul dan iż-żmien eċitanti, se jkunu qed isiru logħob teatriku, taħriġ spirtu pront, moviment, kant, rakkonti u anke tagħlim ta' xeni u kitbiet qosra.

Fl-aħħar ta' Novembru dawn is-sitt klabbs se jtellgħu produzzjoni qasira fi ħdan il-festival *Ġamborì* . Għal din l-edizzjoni, Żararti - organizzazzjoni teatrali voluminuża - se tieħu l-irwol ta' Diretturi tal-Festival. Id-Diretturi li se jkunu qed imexxu l-klabbs matul din l-edizzjoni ta' 60+ u *Ġamborì* huma Narcy Calamatta, Josette Ciappara, Charlotte Stafrace, Joseph Galea, Anna Formosa flimkien ma' Nicole Cuschieri u George Mizzi.

*Dan il-proġett huwa appoġġjat mill-* **Ministeru għall-Anzjanità Attiva** *u* **r-Reġjun tal-Lvant**.

## DIRETTURI REĠJONALI



**NARCY CALAMATTA**
Każin Lvant



**ANNA FORMOSA & NICOLE CUSCHIERI**
Każin Tramuntana



**JOE GALEA**
Każin Nofsinhar



**JOSETTE CIAPPARA**
Każin Punent



**GEORGE MIZZI**
Każin Għawdex



**CHARLOTTE STAFRACE**
Każin Port

Każin Sittin+

# SEJĦA GĦAL SOTTOMISSJONIJIET TA' SKRIPTS ANTIKI

Jekk int, jew forsi għandek xi membru tal-familja li jħobb jirrakkonta dawk l-istejjer ta' dari b'Malti mirqum, jew forsi xi darba rrakkontajt xi ġrajjiet fit-teatru tal-komunità jew fis-swali tal-kappillan, li baqgħu jidwu fis-swali bid-daħk, dmugħ, tfesfis u applawsi, Teatru Malta qed tfittex dawn it-teżori miktuba biex tesponihom f'dan il-festival innovattiv, Ġamborì- ċelebrazzjoni ta' episodji vibranti iktar tard fil-ħajja.

Qegħdin infittxu skripts u kitbiet bil-Malti li saħħru udjenzi fit-teatri tal-irħula fil-passat, kemm jekk fi stil ta' teatrin u anke fi stili oħra interessanti. Dan huwa ċ-ċans biex nerġgħu nagħtu l-ħajja lill-produzzjonijiet antiki mill-klabbs ta' Każin 60+ taħt il-gwida tad-diretturi distinti u bravissimi tagħna. Ingħaqdu magħna biex flimkien noħolqu festival li mhux biss ikun ta' divertiment għalina imma wkoll ikun adattat għall-komunità ta' anzjanità attiva.

Ibagħtu l-iskripts tagħkom lil **karl@teatrumalta.org.mt**, u ejja noħolqu maġija teatrika flimkien!



*Ritratti ta'* **Stefan Stafrace**

*Ġamborì / 2023*

# TFAL TAT-TEATRU

IL-FESTIVAL TAT-TEATRU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

# TRIKKI TRAKKI

TEATRU MALTA

**12 + 13 TA' APRIL 2025**



National Agency *for* *the* Performing Arts
Aġenzija Nazzjonali *għall-* Arti Performattiva

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

# TRIKKI TRAKKI

**Workshops**
Mid-19 sal-21 ta' Novembru 2024

**Ġimgħa tal-Produzzjoni**
Mis-7 sat-13 ta' April 2025

**Prestazzjonijiet**
12 u 13 ta' April 2025

## SEJĦA GĦALL-ISKEJJEL

Ħejju ruħkom għal staġun ieħor tal-unika festival taż-żgħar f'Malta, miż-żgħar għaż-żgħar! Trikki Trakki reġa' magħna u wasal fit-tmin sena tiegħu, u aħna lesti biex din tkun l-aqwa edizzjoni s'issa. Bi kważi 700 tifel u tifla li diġà ħadu sehem, il-festival ikompli jkun minjiera ta' kreattività għaż-żgħar, waqt li bis-saħħa t'hekk niżviluppaw il-komunità futura tat-teatru. Bid-Direttriċi Rebecca Camilleri fit-tmun, ninsabu ħerqana ferm biex niżvelaw x'għandna mħejji għas-sena d-dieħla.

Il-festival ta' din is-sena se jkun qed ikompli jibni fuq is-suċċess tas-snin passati b'iktar workshops tal-arti mmexxija minn uħud mill-aqwa talenti fuq dawn il-gżejjer. L-edizzjoni ta' din is-sena għandha wkoll għadd ta' diretturi mill-aqwa u se tibqa' taħdem biex tkompli miexja lejn l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà, waqt li tipprovdi taħriġ ta' kwalità lill-artisti ż-żgħar tagħna.

Qed thewden x'jiġri wara li jinżel is-siparju? Din is-sena għandna pjanijiet eċitanti oħra għal wara l-festival. U… l-kbir għadu ġej: din is-sena, b'ħerqa kbira inħabbru li se nestendu s-sejħa għal gruppi ta' Year 7 u Year 8, u b'hekk se nilqgħu iktar u iktar talent ċkejken.

Trikki Trakki mhuwiex sempliċiment festival, huwa pjattaforma dinamika u li dejjem tevolvi għal ġid tat-talent żgħir ta' bħalissa. Qed nikbru u rridu LILEK biex tkun parti minn din l-istorja eċitanti.

Ingħaqad magħna fi vjaġġ rikk ta' kreattività, kollaborazzjoni u għadd ta' possibbilitajiet infiniti. Din is-sena twiegħed li tkun l-iktar sena innovattiva u ta' ispirazzjoni s'issa.

Kapijiet tal-iskejjel, din għalikom - applikaw issa biex tħallu l-immaġinazzjoni tal-istudenti tagħkom timraħ fil-beraħ! Għada pitgħada, għad jirringrazzjawkom.

# TRIKKI TRAKKI

## IL-BOOTCAMP TA' TRIKKI TRAKKI FIS-SAJF

**Ħudu Nota**
Mill-10 sat-13 ta' Settembru 2024

Għandna aħbar x'naqsmu mat-tim ta' *Trikki Trakki*. Ħejju ruħkom għal kapitlu ġdid fil-vjaġġ ta' *Trikki Trakki*! Qed iniedu l-ewwel darba boot camp ta' tlett ijiem fis-sajf, esklussivament għal dawk li kienu fi *Trikki Trakki* fis-snin li għaddew. Hekk kif għaddejjin il-preparamenti għall-istaġun li jmiss, ninsabu ħerqana biex noffru din l-opportunità b'xejn lill-familja ta' *Trikki Trakki*.

Taħti il-gwida esperta ta' professjonista tal-esperjenza, il-parteċipanti se jkomplu jindagaw fil-ħafna ħiliet relatati mat-teatru, ikomplu jirfinaw it-talenti tagħhom u jkomplu jifirxu l-orizzonti artistiċi tagħhom. Minn tekniki tar-reċtar għal tekniki relatati mal-produzzjoni, din l-opportunità se tkun qed toffri spazju fejn dawk li jattendu jkomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom li kienu bdew jaħdmu fuqhom fil-festival u jtejbu l-abbiltajiet kreattivi tagħhom.

Imma dan mhux kollox — stennew finale mill-aqwa! Fl-aħħar ta' dan il-bootcamp, dawk li se jattendu se jkunu jistgħu jagħmlu awdizzjoni għal xi ħaġa faqgħa ħafna! Imma nagħtukom iktar dettalji dwar dan iktar tard…

*Trikki Trakki* huwa impenjat li jestendi t-taħriġ tat-teatru lil hinn miż-żmien tal-festival, u dan il-boot camp huwa biss il-bidu. Alumni — titilfuhx!

Ġieli ħadt sehem fi *Trikki Trakki*? Interessat li tattendi *Trikki Trakki* Summer bootcamp?

Ikkuntatjana fuq **trikkitrakki@teatrumalta.org.mt**




*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**

*Trikki Trakki / 2024*




*Ritratt ta'* **Elisa Von Brockdorff**

# INIZJATTIVI GĦALL-MEZZI DIĠITALI

# DJARJU VESTWARJU

Fl-aħħar wasal iż-żmien li naqsmu l-Vestwarju tant maħbub magħkom ilkoll. Fis-serje l-ġdida tagħna, li se tidher fuq il-mezzi soċjali, "Djarju Vestwarju," se tiltaqgħu ma' Luke Dimech, is-superviżur tal-vestwarju, fejn se jeħodkom fuq vjaġġ ħelu u miżgħud b'ħafna moda.

Stennew filmati b'temi differenti u b'kostumi inkredibbli mill-kollezzjoni tagħna. Se jkun hemm ukoll mistiedna speċjali, m'għandkomx titilfuh! U apparti minn hekk, il-kostumi kollha li se taraw, se jkunu wkoll għall-kiri.

# #BRINGITBACK

Mhux talli se nerġgħu nżuru produzzjonijiet tant għeżież mill-passat — imma se ntellgħu wkoll produzzjonijiet passati fuq il-mezzi soċjali! Segwuna fuq il-mezzi soċjali biex terġgħu tgħixu magħna wħud mill-aqwa produzzjonijiet ta' Teatru Malta.

# AVVIŻI

In-newsletter ta' darba f'xahar se terġa' magħna! Din se tkun qed twasslilna l-aħħar aġġornamenti ta' xi jkun qed jiġri fid-dinja ta' Teatru Malta.

Irreġistra issa fuq **teatrumalta.org.mt** biex tibqa' tirċievi kollox.

# NINTRODUĊU L-AMBAXXATRIĊI ŻAGĦŻUGĦA TAGĦNA



Teatru Malta ħerqana biex tilqa' lil **Kristen Abela**, persuna b'passjoni kbira lejn it-teatru, bħala l-Ambaxxatriċi Żagħżugħa uffiċjali! Kristen se tkun is-sors ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mezzi soċjali ta' Teatru Malta, li se tkun qed tipprovdi informazzjoni esklussiva, xi titwila lejn dak li jkun qed jiġri minn wara l-kwinti u l-aħħar aġġornamenti fuq l-avvenimenti li jkunu ġejjin.
Qisu li ssegwuha biex tirċievu l-aħħar aġġornamenti!

Jekk int interessat jew interessata li ssir Ambaxxatur jew Ambaxxatriċi Żagħżugħa inti stess, ibgħatilna fuq **contact@teatrumalta.org.mt** għal iktar informazzjoni.

# TIM TA' TEATRU MALTA



Direttur Artistiku
**Sean Buhagiar**



Kap tal-Produzzjonijiet
**Elaine Bugeja**



Maniġer tal-Palk
**Sefora Mannino**



Maniġer tal-Produzzjonijiet
**Rowena Zammit**



Maniġer tal-Amministrazzjoni, Finanzi u HR
**Marvic Doughty**



Koordinatur tal-Edukazzjoni u l-Komunità
**Karl Cassar**



Superviżur tal-Kostumi
**Luke Dimech**



Uffiċjal Eżekuttiv tal-Brand u l-Marketing
**Kimberly Lowell**



Marketing għall-Midja Soċjali
**Elise Darmanin**

# ANAP

Imwaqqfa fl-2023, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (ANAP) twaqqfet bil-għan distint li tgħolli l-profil tal-arti performattiva f'Malta, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

ANAP isservi bħala s-sinsla amministrattiva għat-tliet kumpaniji nazzjonali tat-teatru, żfin u kor – Teatru Malta, ŻfinMalta u Kor Malta – l-Aġenzija hi ggvernata minn Bord tad-Diretturi u Chairperson, kif ukoll titmexxa minn Kap Eżekuttiv, u Direttur tal-Amministrazzjoni, u tliet Diretturi Artistiċi. L-istruttura organizzattiva tagħha ġiet imfassla biex issaħħaħ il-viżjonijiet artistiċi rispettivi, l-iżvilupp, il-brands, u l-identitajiet ta' KorMalta, TeatruMalta u ŻfinMalta, biex tiżgura li huma distinti b'mod uniku, biex kull wieħed minnhom jipproduċi programm artistiku annwali, iżda relatat, permezz ta' koproduzzjonijiet u kollaborazzjonijiet għal udjenza lokali u internazzjonali.

Għaldaqstant, ANAP hija riċetta li tiggarantixxi kalendarju annwali tal-arti performattiva nazzjonali b'saħħtu u rilevanti.

L-għan ewlieni għal-ANAP huwa li ssir l-aġenzija nazzjonali għall-Arti Performattiva, li toħloq dibattitu, tiffoka fuq it-Teatru, iż-Żfin u l-Kant tal-Kor, filwaqt li tipproduċi xogħol li jkun artistikament b'saħħtu, attraenti u rilevanti għall-komunità li magħha huwa maħsub li jkun hemm konnessjoni.

L-iżvilupp ta' din l-Aġenzija se jinkludi wkoll strateġija għall-ħolqien ta' sinerġiji ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) oħrajn kif ukoll mas-settur privat, u strateġija għall-iżvilupp ta' udjenzi ġodda għall-arti performattiva u kif ukoll biex ikomplu jissaħħu dawk disponibbli. Permezz tad-diversi programmi u inizjattivi tagħha, ANAP se tfittex li tkabbar l-udjenzi, l-impenn u l-parteċipazzjoni għall-arti performattiva, u, forsi aktar importanti, taġixxi bħala katalist għall-ħolqien u l-irfinar ta' talent ġdid u professjonalizzazzjoni permezz ta' konnessjonijiet nazzjonali msaħħa mas-settur edukattiv.

## BORD TA' DIRETTURI

Chairperson
**Alison Micallef White**

Bord ta' Diretturi
**Mary Ann Cauchi**
**Felix Busuttil**
**Kate Decesare**
**Andrea Cassar**
**Joanne Butterworth**
**Adrian Mamo**

## TIM EŻEKUTTIV

Kap Eżekuttiv
**Dominic Galea**

Deputat Direttur għall-Amministrazjoni
**Christabel Borg Preca**

Uffiċjal Eżekuttiv tal-Iżvillup
**Giuliana Barbaro-Sant**

Uffiċjal Eżekkutiv tal-Marketing
**Suzanna Nikolic**

## TEAM TAL-AMMINISTRAZZJONI

Uffiċjali tal-Amministrazzjoni
**Claude Busuttil**
**Marlon Apap**

Uffiċjal tal-Aministrazzjoni II
**Sylvia Attard**

National Agency *for*
*the* Performing Arts

Aġenzija Nazzjonali
*għall*-Arti Performattiva



*Ritratti ta'* **Elisa Von Brockdorff**